# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1200/20 MH**

**Illum, 23 ta' Marzu, 2022**

**Joseph Gatt (K.I. Nru 190438M) u martu Rose Gatt (K.I. Nru 190438M)**

**Vs**

**L-Awtorita' tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi tas-16 ta' Diċembru 2020** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

*Jesponu bir-rispett u Joseph Gatt bil-ġurament tiegħu jikkonferma:*

***Dikjarazzjoni tal-fatti***

*1. Illi l-esponenti rikorrenti huma l-propjetarji assoluti ta' porzjon divisa, ossija ta' għalqa, libera u franka, li tinsab fil-kontrada tax-Xewk, fil-limiti ta' Raħal Ġdid, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka sebat elef, mitejn u tmienja u tmenin (7288) metri kwadri, aċċessibbli minn Triq Ħal Luqa, konfinanti mix-Xlokk ma' Triq Ħal Luqa, mill-Lvant ma' spazju pubbliku li jiġi*

*kantuniera bejn Triq Ħal Luqa u Vjal Santa Luċija u mill-Grigal ma' Vjal Santa Luċija kif murija delinejata bil-kulur blu fuq il-pjanta hawn annessa bħala Dok. 'A'.*

*2. Illi permezz tal-Avviz Nru. 410 li deher fil-Gazzetta Tal-Gvern ta' Malta tat-23 ta' April 2020 l-Awtorita' intimata iddikkjarat li parti mill-art hawn fuq imsemmija, u liema parti hi delinejata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta hawn annessa bħala Dok. 'B', li ġiet mogħtija lill-esponenti rikorrenti mill-Awtorita' intimata, kienet meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi dan l-akkwist kellu jkun b'xiri assolut u dan kif jidher minn kopja tal-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' April 2020 hawn annessa bħala Dok. 'Ċ'.*

*3. Illi mill-kejl cirka tliet elef disa mija u għaxar (3910) metri kwadri imsemmija fl-Avviz Nru. 410 Dok. 'Ċ' hawn fuq imsemmi, huma biss cirka elf erba mija u sebgħin (1470) metri kwadri biss li jappatjienu lill esponenti rikorrenti u dan kif huma ġew infurmati verbalment mis-sur Joseph Sammut, Manager Espropji tal- Awtorita' intimata.*

*4. Illi b'avviz datat it-28 ta' April 2020 li l-Awtorita' intimata filwaqt li avzat lill-esponenti rikorrenti bl-akkwist ta' parti mill-għalqa tagħhom hawn fuq imsemmija talbithom jagħtuha parir legali minn avukat fuq il-Form imħejjiha mill-istess Awtorita' intimata fejn dan jiċċertifika ta' min kienet l-propjeta' li ġiet lilhom esproprijata. Kopja ta' din l-ittra hi hawn annessa bħala Dok. 'D'.*

*5. Illi l-esponenti rikorrenti avvicinaw lill-avukat Dottor Joseph Mifsud u tawh id-dokumenti kollha relevanti, inkluza -Form' li l-Awtorita' intimata kienet bgħatitilhom u kif ukoll kopja awtentikata ta' Dikjarazzjoni li l-esponenti rikorrenti kienu għamlu fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono fil-15 ta' Dicembru 2007 u permezz tagħha huma kienu iddikkjaraw li l-art deskritta f'dik id-Dikjarazzjoni kienet tappartjieni lilhom b'titolu ta' preskrizzjoni akwisittiva u dan peress li għal aktar minn tletin sena huma kienu kontinwament u pubblikament fil-pussess tal-istess art u li fl-istess perjodu qatt ma ġie miksur il-pussess pacifiku u mhux ekwivoku u li huma qatt ma ġew immolestati minn terzi u għalhekk huma kienu ppossidew l-art animo domini għal dak it-tul ta' zmien. Kopja ta' din id-Dikjarazzjoni hi hawn annessa bhala Dok. 'E'.*

*6. Ili l-Avukat Joseph Mifsud, f'isem l-esponenti rikorrenti, debitament kiteb il-parir legali tiegħu fuq il-Form hawn fuq imsemmija u li ġġib d-data tat-2 ta' Gunju 2020 u bagħtha lill Awtorita' intimata flimkien ma'*

*kopja tad-Dikjazzjoni Dok. 'D'. Kopja tal-Parir Legali hi hawn annessa bħala Dok. 'F'.*

*7. Illi sussegwentment l-Awtorita' intimata infurmat verbalment lill esponenti rikorrenti li ma kienetx qed taċċetta l-parir legali mogħti fuq il-Form Dok. 'F'.*

*8. Illi għalhekk fit-3 ta' Novembru 2020 l-esponenti rikorrenti bgħatu ittra uffiċċjali lill Awtorita' intimata u li permezz tagħha interpellawha għall kull fini u effett tal-liġi biex fi zmien għaxart'ijiem tiddikkjara uffiċċjalment li l-esponenti rikorrenti, qabel l-esproprijazzjoni tal-propjeta' tagħhom, kienu l-propjetarji assoluti tal-istess propjeta' esproprijata mingħandom u avzawha li fin-nuqqas huma jkomplu jipproċedu ulterjorment kontra tagħha skont il-liġi. Kopja ta' din l-ittra uffiċċjali, debitament notifikata lill Awtorita' intimata, qed tiġi hawn annessa bħala Dok. 'G'. L-esponenti rikorrenti ma rċevew l-ebda risposta għal din l-ittra uffiċċjali.*

***Raguni tat-Talba:***

*Illi għalkemm l-Awtorita' intimata giet debitament interpellata mill-esponenti rikorrenti, anke uffiċċjalment, sabiex huma jiġu minnha uffiċċjalment rikonoxxuti bħala s-sidien assoluti tal-propjeta' li ġiet lilhom esproprijata hawn fuq imsemmija din naqset li tagħmel dan u dan għalkemm l-esponenti rikorrenti huma fil-fatt u fid-dritt il-propjetarji tal-propjeta' tal-għalqa hawn fuq imsemmija, inkluza dik il-parti mill-istess propjeta' ossia li ġiet mingħandom esproprijta u biex jitolbu r-rimedji spettanti lilhom skont il-liġi.*

***It-Talbiet:***

*Tgħid għahekk l-Awtorita' intimata għaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-*

*1. Tiddikjara li r-rikorrenti huma fil-fatt u fid-dritt l-propjetarji assoluti tal-għalqa fil-limiti ta' Raħal Gdid ta' ċirka sebat elef mitejn u tmienja u tmenin (7288) metri kwadri, aċċessibbli minn triq Ħal Luqa, konfinanti mix-Xlokk mat-Triq Ħal Luqa, mill-Lvant ma' spazju pubbliku li jiġi kantuniera bejn Triq Ħal Luqa u Vjal Santa Luċija u mill-Grigal ma' Vjal Santa Luċija delinejata bil-kulur blu fuq il-pjanta hawn annessa bħala Dok. 'A', u liema għalqa tinkludi ċirka elf erba mija u sebgħin (1470) metri kwadri li ġiet lilhom esproprijata bl-Avviz Nru. 410 li deher fil-Gazzaetta tal-Gvern tat-23 ta' April 2020;*

*2. Tikkundanna lill Awtorita' intimata biex immedjatament tirrikonoxxi lir-rikorrenti bħala l-propjetarji assoluti tal-għalqa, libera u franka, fil-limiti ta' Raħal Ġdid ta' cirka sebat elef mitejn u tmienja u tmenin (7288) metri kwadri, aċċessibbli minn Triq Ħal Luqa, konfinanti mix-Xlokk mat-Triq Ħal Luqa, mill-Lvant ma' spazju pubbliku li jiġi kantuniera bejn Triq Ħal Luqa u Vjal Santa Luċija u mill-Grigal ma' Vjal Santa Luċija delinejata bil-kulur blu fuq il-pjanta hawn annessa bħala Dok. 'A', u li cirka elf erba mija u sebgħin (1470) metri kwadri minnha delinejati bil-kulur aħmar fuq il-pjanta fuq il-pjanta Dok. 'B', kif mogħtija lilhom mill- Awtorita' intimata kemm bħala pjanta u kif ukoll bħala kejl ġew esproprijati mill-Awtorita' intimata, u dan anke skont il-parir legali liha mogħti mill-Avukat Dottor Joseph Mifsud u hawn anness bħala Dok. 'F' u li ġie mogħti lill istess Awtorita' intimata fuq talba tagħha stess; u*

*3. Tikkundanna lill Awtorita' intimata biex għal fini ta' ħlas ta' kumpens tal-art minnha esproprijata mingħand ir-rikorrenti u proċeduri relatati tkompli bil-proċeduri skont il-liġi fil-konfront tal-esponenti bħala il-leġittimi propjetarji fil-fatt u fid-dritt tal-art lilhom esproprijata.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-3 ta' Novembru 2020, li kopja tagħha hi hawn annessa bħala Dok. 'G', kontra l-Awtorita' intimata li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri għad-danni li tista' tkun spettanti lir-rikorrenti skont il-liġi minħabba fin-nuqqas ta' rikonoxximent tar-rikorrenti skont il-liġi fil-ħin opportun da parti tal-Awtorita' intimata.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Awtorita' konvenuta tal-11 ta' Marzu 2021** permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

***Jeċepixxi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu Dr John Vassallo (K.I. 110356M) bħala Chairman tal-Awtorita' tal-Artijiet, jikkonferma:***

1. *Illi, in linea preliminari din l-Onorabbli Qorti ma għandiex kompetenza ratione materiae sabiex tisma u tagħti l-ġudizzju tagħha vis-a-vis it-talbiet*

*tal-atturi u dan għaliex din it-talba hija kompetenza tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet liema Bord hu stabbilit taħt il-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Ai termini ta' Artikolu 58 ta' dan l-Att, il-Bord mhux biss għandu kompetenza jiddetermina min hu sid l-art li tkun ġiet milquta b'dikjarazzjoni, talli għandu l-istess setgħat tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u d-deċizjonijiet tiegħu jistgħu saħansitra jiġu appellati quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri). Għaldaqstant, semmai dawn il-punti kellhom jiġu sollevati quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet u mhux quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-atturi jridu jġibu prova sodisfaċenti tat-titolu tagħhom stante illi l-Awtorita' esponenti irċiviet korrispondenza minn diversi persuni li saħħqu li huma s-sidien tal-art in kwistjoni. In oltre, ai termini tal-Artikolu 52 tal-Kap 573, qabel ma jingħata l-kumpens, il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet irid ikun pjenament sodisfatt mit-titolu tal-allegat sid u dan żgur illi ma kienx il-każ;*
3. *Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel trid tiġi deċiża l-kwistjoni pendenti rigward it-titolu tal-atturi, li kif diġa intqal, ma hijiex kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti. Kull jedd ieħor li qed jiġi mitlub mill-attur huwa intempestiv;*
4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi jridu jindikaw l-artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu pproponew dawn it-talbiet;*
5. *Illi, in oltre, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-fatt li l-atturi ġew notifikati bid-dikjarazzjoni tal-esproprju ma jfissirx li l-esponenti qiegħda tirrikonoxxi lill-atturi bħala sidien, u dan ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap 573;*
6. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma improponibbli;*
7. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, kuntrarjament għal dak premess mill-atturi, l-Awtorita' eċċipjenti mxiet korrettament;*

8. *Illi f'kull każ, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*
9. *Illi, l-Awtorita' m'ghandhiex tiġi kkundannata tbati spejjeż għal din il-kawża, inklużi tagħha;*
10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*
11. *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-Awtorita' konvenuta.

Rat il-qbil tal-partijiet li l-ewwel għandha tingħata sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' dwar il-kompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti[1].

Rat li l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza dwar l-ewwel l-eċċezzjoni preliminari msemmija.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna l-atturi jallegaw li huma s-sidien assoluti t' għalqa, libera u franka fil-limiti ta' Raħal Ġdid ta' circa 7288 metri kwadri. Permezz ta' Avviż Nru 410 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 t'April 2020, l-Awtorita' konvenuta, ai termini tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, ddikjarat li parti minn din l-art, kienet meħtieġa għal skop pubbliku u li dan l-akkwist kellu jkun b'xiri assolut. L-atturi jgħidu li ġew verbalment infurmati minn wieħed mill-uffiċjali tal-Awtorita' li mill-kejl kollu tal-art (circa 3910 metri kwadri) indikat fl-Avviż Nru 410 huma biss circa 1470 metri kwadri li jappartjenu lill-atturi. Fuq talba tal-Awtorita' stess, l-atturi pprovdew parir legali mill-avukat ta' fiduċja tagħhom fejn ġie dikjarat li huma kienu s-sidien tal-propjeta' kollha tal-kejl ta' 7288 metri

[1] Fol 36

kwadri b'titolu ta' preskrizzjoni akkwiżittiva. Madankollu dan il-parir ma ġiex aċċettat mill-Awtorita'. Minkejja li l-atturi nterpellaw lill-Awtorita' sabiex tirrikonoxxi li l-art espropjata qabel kienet tappartjeni lilhom, din baqgħet inadempjenti.

Għalhekk l-atturi ntavolaw il-proċeduri odjerni fejn qegħdin jitolbu lill-Qorti –

- tiddikjara li huma l-propjetarji assoluti tal-għalqa fil-limiti ta' Raħal Ġdid ta' circa 7288 metri kwadri, u liema għalqa tinkludi circa 1470 metri kwadri li ġiet espropjata bl-Avviż Nru 410 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 t'April 2020;

- tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta biex tirrikonoxxi lill-atturi bħala s-sidien assoluti tal-għalqa msemmija libera u franka tal-kejl circa 7288 metri kwadri nkluż il-kejl ta' circa 1470 metri kwadri li ġiet espropjata kif imsemmi;

- tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta sabiex għal dak li jirrigwarda l-ħlas ta' kumpens tal-art minnha espropjata mingħand l-istess atturi u azzjonijiet relatati tkompli bil-proċeduri skont il-liġi fil-konfront tal-atturi bħala s-sidien leġittimi tal-art lilhom esproprijata.

Minn naħa tagħha l-Awtorita' rrespinġiet l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. L-Awtorita' ressqet ukoll eċċezzjonijiet ta' natura preliminari fosthom **l-ewwel eċċezzjoni preliminari**, li hija l-mertu tas-sentenza tal-lum u li tgħid hekk –

*"Illi, in linea preliminari din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex kompetenza ratione materiae sabiex tisma' u tagħti l-ġudizzju tagħha vis-a-vis t-talbiet tal-atturi u dan għaliex din it-talba hija kompetenza tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet liema Bord hu stabbilit taħt il-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Ai termini tal-artikolu 58 ta' dan l-Att, il-Bord mhux biss għandu kompetenza jiddetermina min hu s-sid ta' l-art li tkun ġiet milquta b'dikjarazzjoni, talli għandu li-istess setgħat tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u d-deċiżjonijiet tiegħu jistgħu saħansitra jiġi appellati quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri). Għaldaqstant, semmai dawn il-punti kellhom jiġu sollevati quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet u mhux quddiem din l-Onorabbli Qorti;"*

L-atturi jilqgħu għal din l-eċċezzjoni bl-argument li hija din il-Qorti li għandha l-kompetenza sabiex tiddeċiedi dwar il-każ stante li fil-fehma tagħhom wieħed imur quddiem il-Bord għal rimedju meta jkun avżat kemm hu l-ammont li se joffrulu u jekk iridx jikkontestah jew le. U s'issa l-atturi għadhom ma ġewx avżati kemm hu l-ħlas dovut lilhom stante li mill-art esproprijata huma għandhom biss parti u mhux kollox. L-atturi jżidu jgħidu li f'dan l-istadju, l-Avviż Nru 410 qed jgħid biss li art ta' kejl ta' 3910 metri kwadri hija meħtieġa għal skop pubbliku u li l-prezz offrut għal din l-art huwa ta' €156,400 mingħajr ma hu identifikat liema ħlas qed jiġi offrut lill-atturi.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tinnota li mill-atti esibiti s'issa, partikolarment mir-rikors ġuramentat, huwa ċar li l-atturi ntavolaw l-azzjoni odjerna kontra l-Awtorita' konvenuta b'riżultat tal-ħruġ tal-Avviż Nru 410 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 t'April 2020. Dan wara li fi kliem l-atturi fir-"Raġuni tat-Talba" a fol 2, l-istess Awtorita', minkejja li ġiet debitament interpellata, naqset milli tirrikonoxxihom uffiċjalment *"bħala s-sidien assoluti tal-proprjeta' li ġiet lilhom esproprjata."*

L-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta) huwa ntiż li *"jirregola l-amministrazzjoni ta' artijiet tal-Gvern, l-akkwist ta' artijiet għal skopijiet pubbliċi, biex jistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi mħarsa dwar dan l-akkwist, biex jipprovdi għal żgumbrament minn artijiet u postijiet ta' proprjetà jew amministrati mill-Gvern jew miżmuma mill-Gvern taħt kwalunkwe titolu u biex jirregola l-għoti bi kwalunkwe titolu ta' proprjetà immobbli tal-Gvern jew li hi amministrata minnu, u biex jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari għalhekk jew konnessi ma' hekk."*

Din il-liġi ġiet fis-seħħ permezz tal-Att XVII tal-2017 nhar il-25 t'April 2017 u kwindi ferm qabel ma' ġiet intavolata l-kawża odjerna fis-16 ta' Diċembru 2020.

Fost l-artikoli saljenti tal-Att għall-fini tal-każ odjern hemm -

**L-artikolu 58 tal-Att** li jestabilixxi s-setgħat tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet u jipprovdi hekk –

*58. (1) Il-Bord tal-Arbitraġġ jista':*

*(a) jordna illi jingħata pussess minnufih ta' art lill-awtorità;*

*(b) jordna t-trasferiment ta' art lill-awtorità bi proprjetà assoluta;*

*(ċ) jordna li art tiġi mqiegħda taħt servitù;*

*(d) jiffissa l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att u għal dan l-iskop jiddikjara jekk area hijiex art tajba għall-bini jew le, b'dana li l-ammont ta' kumpens li jiġi determinat mill-Bord m'għandux jeċċedi l-ogħla ammont ta' kumpens li jkun ġie propost minn xi waħda mill-partijiet;*

*(e) jordna li d-dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni tiġi mħassra;*

*(f) jordna illi art tingħata lura lis-sid;*

*(g) jillikwida u jagħti danni materjali u morali;*

*(h) jaqta' kwistjonijiet marbuta ma' mgħax;*

*(i) jiddetermina min huwa s-sid jew min għandu xi titolu fuq l-art li tkun ġiet milquta mid-dikjarazzjoni jew li tkun ġiet okkupata mill-Gvern mingħajr ma tkun inħarġet dik id-dikjarazzjoni;*

*(j) jiddetermina d-data meta l-Gvern ħa l-pussess tal-art;*

*(k) isejjaħ persuni biex jidħlu parti fil-proċeduri bil-għan li jiġi stabbilit min huwa s-sid jew min għandu xi titolu fuq l-art li tkun ġiet milquta mid-dikjarazzjoni jew li tkun ġiet okkupata mill-Gvern mingħajr ma tkun inħarġet dik id-dikjarazzjoni; u*

*(l) jordna l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu.*

*(2) Il-Bord tal-Arbitraġġ għandu l-istess setgħat illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha skont il-liġi, u, mingħajr ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħoddu, safejn jistgħu jgħoddu, għall-Bord tal-Arbitraġġ."*

Appelli mid-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Arbitraġġ għandhom jiġu ntavolati quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri tagħha. L-artikolu 74 (1) tal-Att jipprovdu li –

*"74. (1) Kull parti li tħoss ruħha aggravata minn xi deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Arbitraġġ skont dan l-Att tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri)."*

Eżaminati t-talbiet tal-atturi fil-kuntest tal-artikolu 58 tal-Kap 573 il-Qorti ssib li l-poteri tal-Bord imsemmi jkopru għal kollox it-talbiet avvanzati minnhom fil-kawża odjerna. Fir-rigward tal-pretensjoni dwar min hu/huma s-sid/ien tal-art esproprjata (mertu tal-ewwel żewġ talbiet tal-atturi), l-artikolu 58 (1) (i) tal-Att jagħti l-poter lill-Bord biex jiddeċiedi proprju dwar dan; li jiddetermina min hu s-sid jew min għandu titolu fuq l-istess art. Ulterjorment il-Bord, ai termini tal-artikolu 58 (1) (k) tal-Att għandu l-poter isejjaħ fil-proċeduri persuni oħra bil-għan li jiġi stabbilit ukoll min huwa s-sid jew min għandu xi titolu fuq l-art in kwistjoni. Huwa għalhekk li l-leġislatur stabilixxa l-Bord tal-Arbitraġġ ai termini tal-Kap 573 bħala forum ċentralizzat li fih, bil-għajnuna tal-esperti tekniċi nkarigati minnu fejn meħtieġ, jiġu risolti <u>l-kwistjonijiet kollha</u> marbuta ma' esproprju ta' art għal skop pubbliku u dan sabiex jiġu evitati kawżi sparpaljati fil-Qrati minn persuni li, bħall-atturi, jkunu qegħdin jivvantaw titolu fuq art esproprjata. Dan jingħad aktar u aktar b'mod emfatiku fid-dawl tas-sottomissjoni magħmula mid-difensur tal-Awtorita' waqt it-trattazzjoni, li l-Awtorita' rċeviet pretensjonijiet mingħand persuni varji fuq l-istess art jew psarti minnha ukoll fid-dawl ta' dikjarazzjoni mftixxa mill-atturi fil-konfront tal-kejl ta' l-art indikata fir-rikors promotur.

B'referenza mbagħad għall-aħħar talba tal-atturi, jispetta għal darb'oħra lill-Bord, li jestabilixxi min hu/huma l-proprjetarji wara li jkun ġie stabbilit min għandu t-titolu fuq l-art biex wara jordna l-ħlas tal-kumpens li jiġi stabbilit lill-proprjetarji leġittimi skont il-liġi.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tasal għall-konkużjoni li l-eċċezzjoni tal-Awtorita' dwar il-kompetenza għandha mis sew u hija ġustifikata.

Madankollu, l-azzjoni tal-atturi hija xorta waħda salvabbli a tenur tal-artikolu 741 (b) tal-Kap 12 li jippermetti lil din il-Qorti tibgħat l-atti lil dik il-Qorti, Tribunal jew Bord li hi tikkunsidra għandu l-kompetenza biex jisma' dan il-każ. Dan l-artikolu jipprovdi hekk -

*"741. L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata –*
*[.....]*

*(b) meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:*

*Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża:"*

Għalhekk filwaqt li l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' konvenuta sejra tiġi akkolta, l-Qorti sejra permezz ta' *digriet in camera* tibghat l-atti ta' dawn il-proċeduri sabiex jinstemgħu mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' konvenuta u għar-raġunijiet suesposti tiddikjara li l-azzjoni odjerna ma taqax fil-kompetenza tagħha *ratione materiae* iżda taqa' fil-kompetenza tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet.**

**Bl-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu riservati għad-deċiżjoni finali fuq l-istess rikors ġuramentat.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**